**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 7 ta' Novembru 2001**

**Rikors Nru: 112/00A**

**Bartolo Jane**

**Vs**

**Carmelo u Carmela konjugi Fenech**

Il-Bord,

Ra r-rikors fejn l-esponenti wara li qalet li;

Illi hija tikri lill-intimati ghal skopijiet ta' abitazzjoni l-fond bin-numru wiehed u sittin (61) qabel disa' u ghoxrin (29), fi Triq F.S. Caruana, Birkirkara, Malta, versu l-kera ta' Hamsa u sittin Liri Maltin (Lm65) fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem, liema kera taghlaq fl-14 ta' Lulju ta' kull sena.

Illi l-esponenta jidhrilha illi din il-kera hija baxxa wisq u tixtiequ illi dan il-Bord jistabilixxi kera aktar giusta u ekwa.

Ghaldaqstant l-esponenta titlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jiffissa kera xierqa u giusta tal-fond hawn fuq msemmi.

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimati.

Rat ir-risposta ta' l-intimati li qalu li:

Illi t-talba tar-rikorrenti Jane Bartolo hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghanda tigi michuda stante li l-kera mhallsa mill-esponenti hija giusta u ekwa skond il-ligi.

Ra d-digriet tieghu tad-9 ta' Novembru 2000 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Renato La Ferla u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti li tqeghdet ghad-dispozizzjoni tal-partijiet li minnha jirrizulta li l-kera xieraq hu ta' Lm71.50 fis-sena.

Jiffissa l-kera xieraq tal-fond fl-ammont ta' Lm71.50c fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem l-ewwel skadenza fl-14 ta' Lulju 2001 b' dan li r-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha minn din is-sentenza; spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

Dep.Reg Magistrat